MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 1009/1990/2

**Maria mart Mario Baldacchino, Nicolo Baldacchino Orland u Joseph Ciancio u b`digriet tat-8 ta` Marzu 2010 l-atti gew trasfuzi fil-persuna ta` Vincent Demicoli (ID 547051M) minflok l-attur Joseph Ciancio stante l-mewt tieghu**

***kontra***

**Victor Schembri u b`digriet tas-sbatax (17) ta` Frar 1993 stante l-mewt ta` Victor Schembri, l-atti tal-kawza ghaddew f`isem Catherine mart Joseph Micallef, u minnu assistita, Alfred Schembri ; Joyce mart Lawrence Gatt, u minnu assistita, Marlene, mart Francis Farrugia u minnu assistita, Victor Schembri, Anthony Schembri, Leonard Schembri, u Mark Schembri, kollha ulied il-mejjet konvenut Victor Schembri, u Joseph Schembri ; u b`digriet tal-11 ta` Ottubru 2010 l-atti tal-konvenut Joseph Schembri gew trasfuzi f`isem Catherine Schembri (ID 1062345M), stante l-mewt tieghu ; Lina mart Joseph**

**Grixti u minnu assistita; u b`digriet tal-11 ta` Ottubru 2010 l-atti tal-konvenuta Lina Grixti gew trasfuzi f`iem Mary Louise Grixti (ID 214359M), stante l-mewt tieghu ; u Rita Bugeja u b`digriet tal-11 ta` Ottubru 2010 l-atti tal-konvenuta Rita Bugeja gew trasfuzi f`isem Imelda Agius (ID 682535M) stante l-mewt taghha**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ic-citazzjoni prezentata fis-<u>26 ta` Ottubru 1990</u> li taqra hekk –

*Peress li fl-1 ta` Lulju 1990 mietet Pauline Schembri, kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt (Doc. X) ;*

*Peress li fid-9 ta` Lulju 1987 f`testment pubblikat min-Nutar Dottor Herbert Cassar (Doc Y) l-imsemmija Pauline Schembri halliet : (1)(a) b`titolu ta` prelegat lin-neputi taghha l-attur Joseph Cianco s-somma ta` elfejn u hames mitt lira (Lm2,500) u (b) dodicesima (1/12) parti ndiviza ta` kull bilanc ta` flus li jista` jibqa` kif ukoll l-oggetti mobili l-ohra ezistenti fid-dar tal-abitazzjoni taghha ; (2)(a) b`titolu ta` prelegat lin-neputija taghha l-attrici Maria mart Mario Baldacchino s-somma ta` hamest elef lira (Lm5,000), (b) b`titolu ta` prelegat l-oggetti mobili elenkati u deskritti fit-tnax l-artikolu tal-imsemmi testment taghha u (c) dodicesima (1/2) parti indiviza ta` kull bilanc ta` flus li jista` jibqa` kif ukoll l-oggetti mobili l-ohra ezistenti fid-dar tal-abitazzjoni taghha ; (3) b`titolu ta` prelegat lill-attur Nicolo Baldacchino Orland is-somma ta` elfejn lira (Lm2,000) ;*

*Peress li b`testment pubblikat min-Nutar Clyde La Rosa fl-24 ta` Mejju 1989 (Doc. Z) id-decujus irrevokat, annullat u hassret kull testment iehor li hija setghet ghamlet qabel dan it-testment ;*

*Peress li t-testatrici meta ghamlet dan l-ahhar testment ma kellhiex il-kapacita` li trid il-ligi ghaliex kienet marida minn mohha u ma kenitx taf x`kienet qieghda taghmel, kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Jghid il-konvenut ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex :*

*(1) tiddikjara l-imsemmi testment pubblikat min-Nutar Clyde La Rosa fl-24 ta` Mejju 1989 null u minghajr effett legali ghar-ragunijiet fuq esposti u ghal dawk l-ohra kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*(2) tinnomina sekwestratarju gudizzjarju biex jamministra s-sustanzi tal-wirt tal-imsemmija Pauline Schembri fl-interess ta` dawk kollha, fosthom l-atturi, li 'l quddiem ikunu dikjarati prelegatarji u/jew werrieta taghha in virtu tat-testment tad-9 ta` Lulju 1987 pubblikat min-Nutar Dottor Herbert Cassar.*

*B`riserva ta` azzjonijiet ohra u bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi, il-lista tax-xhieda ndikati minnhom u l-elenku ta` dokumenti esebiti mac-citazzjoni.

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet tal-konvenut prezentata fit-22 ta` Novembru 1990 li taqra hekk –

*1. Illi t-talbiet attrici huma assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan stante illi meta sar it-testment soggett ta` din il-kawza, id-decujus kienet taf ben tajjeb x`qieghda taghmel, kif jirrizulta mill-anness kopja ta` certifikat mediku (Dok. VS1) tal-psikjatra Dr. George Debono, mahrug fil-25 ta` Mejju 1989, u cioe` l-ghada li d-decujus ghamlet it-testment soggett ta` din il-kawza.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta, il-lista tax-xhieda ndikati minnha u l-elenku ta` dokumenti esebiti man-nota tal-eccezzjonijiet.

Rat l-atti tal-kawza, inkluzi l-provi li ngabru, kif ukoll ir-relazzjoni tal-periti gudizzjarji l-Avukat Dottor Joseph M Buttigieg u t-Tabib Psikjatra Anton Grech.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-20 ta` Ottubru 2009 (fol 176) fejn id-difensur tal-konvenuti rrimetta ruhu ghar-rapport peritali.

Rat in-nota li pprezentaw l-atturi fis-7 ta` Dicembru 2009 (fol 245) fejn talbu l-hatra ta` periti addizzjonali, liema talba kienet michuda b`digriet taghha tal-11 ta` Ottubru 2010 (fol 245).

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet li l-atturi pprezentaw fil-25 ta` Novembru 2010.

Rat in-nota responsiva li l-konvenuti pprezentaw fit-2 ta` Mejju 2011.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-13 ta` Gunju 2011 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat :**

## II. Generali

Il-gbir tal-provi sar mill-periti li kienu mahtura mill-Qorti waqt l-iter tal-kawza – li ha s-snin biex jasal ghall-konkluzjoni tieghu. L-ahhar periti kienu l-Av Dr. Joseph M Buttigieg u t-Tabib Psikjatra Anton Grech. Dr Buttigieg kien mahtur mhux biss fil-kawza tal-lum, izda wkoll f`zewg kawzi ohra fl-ismijiet *Pauline Schembri et vs Mario Baldacchino et (Citaz Nru 1211/1989)* u *Pauline Schembri vs Mario Baldacchino (Citaz Nru 698/1990)* billi t-tliet kawzi kienu mexjin flimkien. Fir-relazzjoni tal-periti fil-kawza tal-lum issir riferenza ghall-assjem tal-provi. Wara li rat il-provi, il-Qorti tqis illi r-riassunt tal-provi li sar mill-periti huwa gabra preciza u korretta tal-provi saljenti. Il-Qorti qeghda ghalhekk, a skans ta` repetizzjoni, ghall-fini tad-decizjoni tal-lum, taghmel riferenza ghall-provi kif migbura fir-relazzjoni.

**Ikkunsidrat :**

## III. Ir-relazzjoni tal-periti

### a) Konsiderazzjonijiet

Sabiex jistabilixxu l-fondatezza o meno tal-premessi u tat-talbiet attrici, il-perit gudizzjarji, wara li qiesu akkuratament il-provi akkwiziti – inkluz dokumenti – ghamlu dawn il-konsiderazzjonijiet :-

*25. L-esponenti ikkunsidraw tajjeb ix-xhieda tan-Nutar Clyde La Rosa li ppubblika t-testiment billi jidrilhom*

*illi timmerita li tinghata certu piz probatorju minhabba l-fatt illi l-istess Nutar asserixxa illi, apparti c-certifikazzjoni medika dwar it-testatur, hu bhala Nutar ried ikun personalment konvint li t-testatur kien kapaci jaghmel testment u fin-nuqqas ta' din il-konvinzjoni fih innifsu hu kien jirrifjuta li jippublika testment minkejja kull certifikat mediku li seta jigi prezentat lilu. [Ara d-deposizzjoni tal-istess Nutar tas-17 ta' Settembru 2002].*

*26.*

*…*

*Dr. Anthony Galea Debono fit-23 ta' Marzu 1989 kien iccertifika dwar Ms. Pauline Schembri li 'it would not appear that she is capable of understanding the implications and responsibilities related to acts of a civil nature, which include management of her assets'.*

*Mix-xhieda tieghu tal-5 ta' Frar 2009 Dr. Galea Debono qal li hi kienet taht il-kura tieghu l-Isptar bi 'bronkite akuta' li meta harget mill-isptar kienet 'improved'. Sfortunatament in-noti tal-Isptar ta' din l-'admission' ma' nstabux. Huwa jahseb li probabbli din il-kundizzjoni mentali kienet indipendenti minn dik medika, pero` fl-assenza tan-noti tal-Isptar ma' jistax jghid dan b'certezza. Fic-certifikat tieghu Dr Anthony Galea Debono uza l-frazi 'it would appear', ghaliex ma kien hemm xejn assolut. Dan ic-certifikat, skond Dr Anthony Galea Debono ma jeskludix li xahrejn wara li sar dan ic-certifikat Pauline Schembri kienet lucida bizzejjed biex taghmel testment. Pero fix-xhieda tieghu huwa qal, 'niccara illi l-possibbiltà li tkun lucida kienet hemm, il-probabbiltà ma kenitx'.*

*Dr. Stephen West fit-23 ta' Mejju 1989, kien iccertifika li Ms Pauline Schembri 'is both physically and mentally fit to do her last will'. Fix-xhieda tieghu tat-22 ta' Jannar 2003, huwa qal 'Ma niftakarx li ezaminajt il-pazjenta, pero la ghamiltu kont konvint minn dak li qed*

*nikteb, cioe kont konvint kemm mill-istat fisiku tal-pazjenta kif ukoll mill-istat mentali. Kienet ilha pazjenta tieghi minn mindu sirt tabib f'Dicembru 1981.'*

*Dr George Debono fil-25 ta' Mejju 1989, kien iccertifika li Ms Pauline Schembri kienet : 'she had a clear sensorium', 'she had a clear idea of her pension and property and as to whom should inherit her', u 'in a position to exercise all her rights'. Fix-xhieda tieghu tal-14 ta' Ottubru 2008 qal : 'Ma niftakarx jekk meta sar ic-certifikat kellhiex din il-kundizzjoni, (arteriosclerotic senile dementia), però zgur li meta ghamilt l-ezami, minhabba li ridt nohrog certifikat, il-pazjenta kienet lucida perfettament.' Huwa fit-2 ta` Ottubru 1989 iccertifika li 'she is fit to take good judgement of situation' u fl -10 ta' Novembru 1989 iccertifika li 'she had full mental faculties', u 'has full capacity to decide as to whom should dispose of her property and belongings'.*

*Dr. Salvino Schembri Wismayer ezamina lil Pauline Schembri diversi drabi bejn is-7 ta' Marzu 1990 u s-17 ta' April 1990, wara li gie inkarigat mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Dr Victor Caruana Colombo) biex jirrelata dwar talba ghall-interdizzjoni ta' Pauline Schembri, b'digriet ta' Jannar 1990. Huwa kien ikkonkluda li '...Nonostante li wiehed ma jistghax jikkomunika mal-perizjanda minhabba li stat mentali taghha, komplikat bil-fatt li hija ma tismghax; minhabba l-agir taghha u x-xhieda migbura wiehed jista' jasal ghal konkluzjoni li l-perizjanda qeghda issoffri minn ramolliment tal-mohh, ikkawzat min-nuqqas ta' cirkolazzjoni ta' demm li qieghed jasal fil-mohh u msejjha 'Arteriosclerotic Senile Dementia.' Din hija degenerazzjoni tal-mohh progressiva u irriversibbli li jirrendi il-perizjanda inkapaci li tesercita d-drittijiet taghha. Ghalhekk biex nirrelata dak li ordanatli l-Onorevoli Qorti. Jiena jidhirli illi it-talba ta' l-interdizzjoni ta' Pauline Schembri hija giustifikata'*

**b) <u>Konkluzjonijiet</u>**

Wara li taw il-qies dovut lil dawn il-kostatazzjonijiet, il-periti gudizzjarji kkonkludew hekk –

*27(a) :-*

*Illi fit-23 ta' Marzu 1989, madwar xahrejn qabel id-data tat-testment, Pauline Schembri kienet giet iccertifikata min Dr Anthony Galea Debono li kien jidher li hija ma kienetx kapaci tifhem l-implikazzjonijiet u responsabbiltajiet relatati ma' atti ta' natura civili.*

*27(b) :-*

*Dr Salvino Schembri Wismayer, ghaxar xhur wara d-data tat-testment, kien iddikjara li hija kienet tbati min 'Arteriosclerotic Senile Dementia' li irrendietha inkapaci li tesercita id-drittijiet taghha. Il-progress ta' din it-tip ta' dementia huwa 'stepwise', jigifieri jista' ikun hemm deterjorazzjoni fl-istat mentali tal-pazjent fi zmien qasir hafna u mhux b'mod gradwali.*

*Ghalhekk id-dijanjosi li ghamel Dr Salvino Schembri Wismayer ma' teskludix li ghaxar xhur qabel hija kienet fi stat mentali li tista' taghmel testment.*

*27(c) :-*

*Dr Stephen West fit-23 ta' Mejju 1989, kien iccertifika li hija kienet mentalment kapaci taghmel testment.*

*27(d) :-*

*Dr George Debono, fil-25 ta' Mejju 1989, kien iccertifika li hija kienet mentalment kapaci taghmel testment.*

*28. Illi meta jigi ikkonsidrat dan kollu, il-probabbiltà hija li meta Pauline Schembri ghamlet it-testment fl-24 ta' Mejju 1989, hija kienet fi stat mentali li kien jaghmilha kapaci taghmel testment.*

Kien ghalhekk illi fil-fehma tal-periti, it-talbiet attrici kellhom jigu respinti.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Sottomissjonijiet</u>**

**a) <u>tal-atturi</u>**

Billi r-relazzjoni peritali kienet sfavorevoli ghall-atturi, u l-konvenuti rrimettew ruhhom ghar-rapport, l-atturi ghamlu sottomissjonijiet bil-miktub.

Il-bazi tal-lanjanza taghhom kienet din –

*Illi mill-provi kollha prodotti fl-azzjoni odjerna, jirrizulta li hemm konflitt car rigwardanti l-kundizzjoni mentali tat-testatrici Pauline Schembri. Hemm dawk il-provi prodotti mill-atturi illi qed jindikaw illi l-istat mentali taghha ma kienx tali illi t-testatrici setghet taghmel it-testment datat24 ta` Mejju 1989, u provi ohrajn prodotti mill-konvenuti illi jindikaw illi t-testatrici kienet f`kuindizzjoni mentali li setghet tiddisponi minn gidha bil-mod kif indikat fit-testment taghha.*

Biex jikkontestaw il-kostatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet tal-periti, l-atturi jaghmlu riferenza ghal dak kien mistqarr minn numru ta` xhieda (li ghalihom ghamlu riferenza l-periti wkoll) u fejn taw l-interpretazzjoni taghhom ghal dak li nghad minn dawk ix-xhieda.

*La chiave di lettura* tal-atturi hija din :-

1) Illi fl-1988, Pauline Schembri kienet diga` qeghda turi sinjali ta` mard mentali.

2) Illi bejn l-24 ta` Mejju 1989 u l-10 ta` Novembru 1989, erbgha kienu c-certifikati li jindikaw li Pauline chembri kienet mentalment inkapaci li tiddisponi mill-assi taghha.

3) Illi nonostante dak li nghad minn Dr Stephen West u Dr George Debono, Pauline Schembri ma kellha l-ebda *lucid interval* bejn Marzu 1989 u l-bidu ta` Novembru 1989.

4) Illi, kif sostna Dr Schembri Wismayer, dak tal-lum ma kienx kaz fejn sahhet Pauline Schembri marret lura f`daqqa, izda kien kaz fejn sahhitha ghaddiet minn process digenerattiv progressiv u rriversibbli. Din il-kondizzjoni teskludi *lucid intervals.*

5) Illi c-certifikati medici ta` Dr West u Dr Debono saru ghal skopijiet specifici u cioe` sabiex ikopru atti ta` natura civili (inkluz it-testment) li ghamlet Pauline Schembri aktar milli sabiex jiccertifikaw is-sahha mentali generali taghha.

**b) <u>tal-konvenuti</u>**

Il-konvenuti jsostnu li ladarba t-Tabib Psikjatra Anton Grech kien perit tekniku, il-konkluzjonijiet tieghu, bhala tekniku, ghandhom piz probatorju qawwi, ghaliex ghalkemm minn naha wahda, il-Qorti mhijiex vinkolata b`dawk il-konkluzjonijiet, min-naha l-ohra ma tistax tiskartahom leggerment jew kapriccjozament. Minhabba l-funzjoni partikolari li kellu, il-fehmiet ta` Dr Grech jaghtu aktar affidament meta kontrastati ma` provi *ex parte.*

Dwar dak mistqarr minn Mario u Maria Baldacchino – li l-konvenuti jqisu bhala persuni li ghandhom "interess" li l-esitu tal-kawza jkollu svolta partikolari u allura ma jistghux jitqiesu bhala xhieda "indipendenti" – m`ghandux jinghata piz jew jitqies kredibbli ghaliex fis-sitwazzjonijiet li xehdu dwarhom b`riferenza ghall-imgieba ta` Pauline Schembri ma tohrog bl-ebda mod l-impronta tal-prova tal-infermita` mentali ta` l-istess Pauline Schembri.

Fil-fehma tal-konvenuti, il-*punctum temporis* rilevanti huwa z-zmien meta sar it-testment mhux xi zmien iehor – qabel jew wara. Il-Qorti ghandha toqghod fuq dawk il-provi – inkluzi provi medici - li jqarrbu d-data tat-testment aktar milli fuq provi ohra – anke jekk medici – li jirreferu ghal perijodi ohra.

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Gurisprudenza</u>**

**Il-Qorti sejra tqis l-ewwel il-piz probatorju illi ghandu rapport ta` perit tekniku billi fil-kawza tal-lum kien mahtur it-Tabib Psikjatra Anton Grech bhala perit mediku.**

Tghid illi l-kostatazzjonijiet, konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet ta` natura teknika li jsiru minn perit mahtur mill-Qorti jikkostitwixxu prova importanti ghall-gudikant biex ikun jista` jasal ghad-decizjoni tieghu.

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novmebru 2001 fil-kawza "**<u>Calleja vs Mifsud</u>"**, il-Qorti ta` l-Appell irriteniet li –

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero` huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta` l-apell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta` espert in materja. B` danakollu dan ma jfissrix illi l-qorti ma kellhiex thares b` lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika.*

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*), fl-istess waqt, dak ma jfissirx li "*qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunjiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b` ragunijiet li ma ghandhomx ikun privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami."*(ara –"**<u>Grima vs Mamo et noe</u>**" – Qorti ta` l-Appell – 29 ta` Mejju 1998).

Ghalhekk "*qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kenitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.*" (**<u>"Cauchi vs Mercieca"</u>** – Qorti ta` l-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 u

**“Saliba vs Farrugia”** – Qorti ta` l-Appell – 28 ta` Jannar 2000).

Din il-Qorti tirrileva wkoll bhala fatt illi fil-kaz tal-lum wara li l-periti gudizzjarji halfu r-rapport taghhom, ma baqghux jinsistu fuq it-talba taghhom ghall-hatra ta` periti addizzjonali, izda ghazlu minflok li jipprezentaw nota ta` osservazzjonijiet. Fis-sentenza fil-kawza “**Bugeja et vs Muscat et”** (Qorti ta` l-Appell – 23 ta` Gunju 1967), intqal li l-“*giudizio dell` arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli.”*

**Il-Qorti sejra tittratta t-tematika tal-impunjazzjoni ta` atti ghal ragunijiet ta` nakapacita` mentali.**

Fis-sentenza taghha tal-31 ta` Mejju 2004 fil-kawza “**Cristiano vs Portelli”**, din il-Qorti (**PA/GV**) issenjalat il-principji li ghandhom japplikaw fil-kazi ta` impunjazzjoni ta` atti minhabba nkapacita` mentali :

*1. Illi l-kapacita` hija r-regola u l-inkapacita` hija l-eccezzjoni, u ghalhekk il-presunzjoni hija favur il-kapacita`, liema presunzjoni hija `juris tantum` ;*

*2. Illi huma nkapaci dawk li fi zmien ta` l-att ma jkunux f`sensihom, u illi l-inkapacita` ghandha tigi ppruvata minn min irid jimpunja l-att ;*

*3. Illi biex persuna jkun kapaci jaghmel att ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorozament san minn mohhu, imma huwa bizzejjed li jkollu l-uzu tar-raguni fi grad tali li jippermettilu jkun jaf x`inhu jaghmel ;*

*4. Illi biex tigi stabbilita` l-insanita` mentali ta` persuna hemm bzonn li jirrizultaw indizji gravi ;*

*5. Illi l-Qrati taghna dejjem kienu reticenti li jammettu d-domandi biex jigi annullat att minhabba nsanita` mentali jekk din l-inkapacita` ma tkunx irrizultat b`mod cert minn fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li persuna kien qieghed jaghmel l-att. (Vol XXXIV.108 – Appell Civili - "Vassallo vs Dr V Sammut" - 24 ta` April 1950 ; u Vol XXX.I.176 – Appell Civili - "Formosa vs Axiak" - 20 ta` Gunju 1938)."*

Fis-sentenza taghha tat-13 ta` Marzu 2009 fil-kawza '**Azzopardi et vs Camilleri noe'** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) [Gurisdizzjoni Superjuri] (**AE**) [u konfermata b`sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-25 ta' Mejju 2012] inghad hekk –

*L-awtur Laurent jispjega, "Non basta dunque provare che il testatore era in uno stato abituale di demenza,* ***bisogna provare invece che la sua follia era senza lucido intervallo, val dire permanente.*** *Se, al contrario, e' provato che il defunto aveva dei lucidi intervalli, egli e' certo che la prova della demenza abituale sarebbe insufficiente,* ***poiche' puo' avvenire che il testatore sia stato in un lucido intervallo nel momento in cui disponeva.****"* (*Principi di Diritto Civile, Vol. XI pagna 112). Fil-kawza* ***Anna Borg et vs Maria Borg et*** *deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Novembru 1867 gie osservat : "Attesoche' e' opinione ricevuta come vera (vedasi Troplong, Donazioni tra Vivi e Testamenti No.463)* ***che il testamento si deve presumere fatto nel tempo della rimessione del male, se l'infermo ha avuto dei lucidi intervalli*** *e l'atto porta i caratteri della saggezza …".*

Fis-sentenza taghha tal-31 ta` Marzu 1933 fil-kawza **`Cassar vs Cassar`** din il-Qorti qalet hekk –

*"Questi tribunali sono stati sempre renitenti a pronunciare la nullita` di una testamento per incapacita`*

*mentale del testatore, a meno che tale incapacita` non consti positivamente, da fatti precisi ed univoci, e non si verifichi al momento in cui egli dettava le sue ultime volonta`. Il miglior criterio sulla sanita` mentale del testatore e` la ragionevolezza delle sue disposizioni, specialmente quando il testatore ne avesse indicato le ragioni, riconosciute poi ragionevoli e sa vie."*

Fis-sentenza taghha tat-8 ta` Mejju 1952 fil-kawza `**Mifsud et vs Giordano et**` din il-Qorti qalet hekk –

*"Il-ligi tammetti latitudni konsiderevoli fl-interpretazzjoni ta` l-istat mentali in kwantu jirreferixxi ruhu ghall-kapacita` testamentarja. U giet sostnuta b`success il-validita` ta` testment maghmul minn persuna li kienet `a priori` turi kapacita` dubbjuza, imma li gie pruvat li kellha intelligenza sufficjenti, ghalkemm inferjuri ghall-medja, ghall-ezercizzju legali tad-dispozizzjoni ta` hwejjigha.*

*B`mod li f`materja ta` validita` ta` testmenti, il-kwistjoni kollha tirraggira ruhha dwar il-problema jekk il-partikulari testatur jinsabx f`kondizzjoni mentali tali, minhabba fl-inkapacita` naturali, l-eta` avvanzata, mard jew insanita` li jifhem li dak li jkun qieghed ihalli bit-testment mill-istess proprjeta` tieghu jkun qieghed ihallih lil certa persuna jew persuni, li jifhem il-portata ta` l-estensjoni ta` l-assi tieghu, u li jifhem in-natura u l-effetti ta` l-att proprju fir-relazzjoni mal-pretensjonijiet naturali ta` dawk il-persuni li jigu eskluzi bit-testment tieghu.*

*Fir-ricerka dwar l-istat mentali tat-testatur il-kriterji li jistghu jigu segwiti huma diversi u varjati. Fost dawn il-kriterji, hemm il-vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet kontenuti fit-testment impunjat. U fl-ezami ta` dawn id-disposizzjonijiet, fit-tnissil konvincenti aktar sod tant mill-fatt ta` l-ezami ta` l-`ahhar volonta` per se, li jista` joffri bhala ndizju l-istat mentali tat-testatur, kemm ukoll mill-motiv jew motivi li jispiraw it-testatur, specjalment jekk dawk il-motivi jkunu gew espressi mit-testatur fil-waqt tat-testment jew fl-okkazjoni meta jkun qieghed jigi kontemplat dak l-att solenni, u fl-ahharnett mill-*

*kondizzjonijiet mentali u fizici tat-testatur fil-mument meta jkun ghamel it-testment impunjat.*

*Ir-regola tal-ligi li huma nkapaci jiddisponu minn hwejjighom dawk li ma jkunux f`sensihom ghandha tigi pprovvduta u sostanzjata minn min ikun qieghed jattakka t-testment minhabba l-inkapacita` u min jimpunja testment ghal vizzju tal-menti tat-testatur mhux biss huwa obbligat jipprova dak il-vizzju, izda l-prova tieghu ghandha tkun tikkolpixxi wkoll il-mument stess jew iz-zmien prossimu meta sar it-testment.*

*Fl-ipotezi tal-vizzju tal-menti abitwali, ppruvata l-abitwalita` it-testment maghmul mill-persuna hekk kolpita ghandu jigi prezunt li huwa invalidu, jekk min isostni l-validita` tieghu ma jippruvax li dak it-testment sar f`mument ta` lucidu interval.*

*Imma ghall-validita` ta` testment, huwa bizzejjed li t-testatur ikollu l-kuxjenza, jew ahjar li jkun jaf u jifhem x`ikun qed isir, u li fil-fatt ikun sar, b`mod li mhux imprexxinidibilment mehtieg li l-volonta` intelligenti u libera tat-testatur tkun perfettament u rigorozament sana."*

(ara wkoll : Prim`Awla tal-Qorti Civili (PA/NC) – "**Farrugia vs Farrugia et**" – 5 ta` Ottubru 2004)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tas-6 ta` Marzu 1979 fil-kawza **`Sultana vs Sultana`**, kien riaffermat il-principju illi persuna tista` tkun qeghda tbati minn infermita` mentali, izda jekk jirrizulta illi fiz-zmien illi taghmel testment jew xi att civili iehor, tkun ghaddejja minn perijodu lucidu, allura dak it-testment jew att civili iehor jitqies bhala validu.

L-istess kien inghad fis-sentenza ta` din il-Qorti tal-20 ta` Ottubru 1971 fil-kawza **`Bonavia et vs Bonavia et`** :

*"l-inkapacita` mentali antecedenti u sussegwenti tista` taghti lok ghall-inferenza li t-testatur kien ukoll*

*inkapaci meta attwalment ghamel it-testment. Il-Qorti ghandha thares ukoll, u anzi thares izjed, lejn il-mument tat-testment, u dana stante r-riluttanza tal-ligi biex tannulla d-disposizzjonijiet ta` l-ahhar volonta`, il-presunzjoni tal-validita` taghhom u l-gurisprudenza dwar il-lucidu interval, li ghandha tinklina lill-gudikant biex iktar jahseb li t-testment sar f`wiehed mil-lucidi intervalli, jekk dawn jirrizultaw mill-provi."*

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>Rizultanti</u>**

Bl-azzjoni tal-lum, l-atturi qeghdin jittentaw illi jimpunjaw it-testment ta` Pauline Schembri fuq allegata infermita` mentali da parti taghha.

Billi l-kapacita` ta` persuna li taghmel testment titqies bhala r-regola filwaqt li l-inkapacita` hija meqjusa bhala l-eccezzjoni, il-ligi tohloq presunzjoni *juris tantum* favur il-kapacita`. Inoltre tispetta lil dik il-parti li qeghda tittenta l-impunjazzjoni tal-att (l-atturi fil-kaz tal-lum) li taghmel il-prova tal-inkapacita`.

Pauline Schembri ghamlet it-testment in kwistjoni fl-**<u>24 ta`</u>** **<u>Mejju 1989</u>** meta kellha 81 sena. It-testment sar quddiem in-Nutar Dottor Clyde La Rosa. Kien l-ahhar testment taghha. Schembri mietet tlettax-il xahar wara li ghamlet it-testment precizament fl-1 ta` Lulju 1990 fl-eta` ta` 83 sena.

Bis-sahha tat-testment in kwistjoni, Pauline Schembri rrevokat u hassret testment iehor taghha li kien sar tnejn u ghoxrin xahar qabel precizament fid-**<u>9 ta` Lulju 1987</u>** fl-atti tan-Nutar Dottor Herbert Cassar.

Fil-kors tal-kawza, xehdu zewg Tobba Psikjatri u cioe` Dr George Debono u Dr Salvino Schembri Wismayer, Tabib Konsulent Dr Anthony Galea Debono, u Tabib GP Dr Stephen West. Hemm imbaghad il-perit mediku Tabib Psikjatra Anton Grech li rrelata flimkien mal-perit legali Av Dr Joseph M Buttigieg anke fuq l-iskorta ta` dak illi xehdu t-tobba.

Kien it-Tabib Psikjatra George Debono li ghamel l-ezami kliniku ta` Pauline Schembri l-aktar qrib id-data tat-testment taghha. Infatti Dr Debono ghamel l-esami tat-testatrici l-ghada stess li ghamlet it-testment taghha u cioe` fil-**25 ta` Mejju 1989**.

Fic-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr Debono (Dok VS1) jinghad hekk –

*This is to certify that I have examined Miss Pauline Schembri of 111, St. Vincent Street Sliema, for the purpose of testamentary capacity. On examination she was looking well for her age. She was fully aware of the purpose of the visit and agreed to be examined. She stated that she was not forced into coming to see me ... was able to understand my questions and answered accordingly. She had a clear idea of her possessions and property and as to whom should inherit her. Moreover I consider Miss Schembri to be in a position mentally to decide ... to have Victor Schembri as her curator and was fully aware of its implications namely as regards sale of property etc.* ***In my opinion Miss Pauline Schembri has full testamentary capacity and can decide on her civil rights.*** (emfazi ta` din l-Onor. Qorti).

Dr Debono xehed l-ewwel darba fil-kawza tal-lum ftit aktar minn tlettax-il sena wara li rrilaxxja dan ic-certifikat. Infatti ta d-deposizzjoni tieghu fit-**22 ta` Jannar 2003**. Din il-Qorti ma tara propju xejn stramb jew barra min-normal illi Dr Debono ma jiftakarx lil Pauline Schembri wara tant

snin ghalkemm ikkonferma li dak ic-certifikat kien tieghu. Pero` l-*protocol* li segwa sabiex jikkonkludi li fil-fehma tieghu Schembri kellha *full testamentary capacity* huwa kawt u prudenti u ma kien bl-ebda mod censurat bhala procedura mill-perit mediku. Dr Debono kellu dan li jghid –

*Jekk johrog certifikat ifisser illi l-pazjenta, skond jiena, tkun fi stat li taghmel testment jew kuntratt. F` kazijiet ta` bniedem li jkun konfuz pero` jkollu mumenti lucidi, gieli mmur anke fi tliet okkazjonijiet separati u jekk f`xi kaz jinzerta f`mument lucidu u jkun hemm in-nutar, allura niccertifika li jista` jsir it-testment jew kuntratt.*

Skond Dr Debono, fil-25 ta` Mejju 1989 ma kenitx qeghda tbati minn debilita` mentali li seta` jeffettwa l-gudizzju taghha.

Dr Debono wiegeb ghal domandi in kontroezami fl-**14 ta`** **Ottubru 2008**. Xehed hekk –
*Qed nigi mistoqsi jekk il-kundizzjoni ta` `arteriosclerotic senile dementia` setghetx taffettwa l-kundizzjoni tal-pazjenta biex taghmel testment u nwiegeb illi ma taghmilx, billi din it-tip ta` dementia ma hix permanenti izda jista` jkun hemm mumenti ta` lucidita` shiha u kompleta.*

*Ma niftakarx jekk meta sar ic-certifikat kellhiex din il-kundizzjoni, pero` zgur li meta ghamilt l-ezami, minhabba li ridt nohrog certifikat, il-pazjenta kienet lucida perfettament.*

Ic-certifikat ta` Dr Debono jikkontrasta mad-deposizzjoni ta` Mario Baldacchino li jixhed illi l-qaghda mentali ta` Pauline Schembri bdiet sejra lura minn **nofs l-1988** `il quddiem. Kemm hu kif ukoll l-attrici fix-xiehda taghhom jirreferu ghal *stramberiji* fl-imgieba ta` Pauline Schembri. Fl-**1 ta` Mejju 1989** kienet invistata minn Dr Constance Caruana u Dr Anthony Galea Debono ghal

bronkite u fil-fehma taghhom ma kenitx "*ta` wahedha*". Dwar din il-vista xehdet ukoll l-attrici (ara fol 98). Il-Qorti tirrileva li fil-paragrafu tal-affidavit ta` Mario Baldacchino (ara fol 17) fejn jirreferi specifikament ghall-vista tat-Tobba Caruana u Galea Debono ma jsemma xejn dwar minhabba infermita` mentali ta` Pauline Schembri. Dan ighodd ukoll ghad-deposizzjoni tal-attrici dwar il-vista. Tissemma biss il-bronkite. Il-Qorti tinsisti fuq dan il-fatt ghaliex din il-grajja sehhet **tliet gimghat** biss qabel sar it-testment in kwistjoni.

Bix-xiehda ta` Dr Galea Debono, il-Qorti ma tarax wisq konfort ghat-tesi attrici. Xehed hekk –

*Ftit li xejn niftakar x`kienet il-kundizzjoni medika taghha* (u cioe` ta` Pauline Schembri) *u n-notes tal-Isptar ma nstabux.*

*L-istat mentali li ghalih irreferejt fit-tieni paragrafu tac-certifikat tieghi nahseb li kien il-konsegwenza ta` `dementia` probabbli. Ma ghandix recollection ma xhiex kien relatat u fl-assenza tar-records ma nistax nghid."*

Id-deposizzjoni ta` Dr Salvino Schembri Wismayer hija aktar preciza u artikolata. Il-fattur centrali ta` li xehed Dr Schembri Wismayer hija l-fehma tieghu illi ghalkemm hu kien invista lil Pauline Schembri zmien qabel sar it-testment in kwistjoni sab li l-qaghda mentali taghha bdiet sejra lura fuq firxa ta` zmien, mhux f`daqqa. Daqstant centrali huwa wkoll il-fatt illi ma rrizultax li Dr Schembri Wismayer invista lil Pauline Schembri fil-prossimita` ta` zmien ta` qabel jew wara li sar it-testment. Ghall-fehma ta` Dr Schembri Wismayer, saret ampja riferenza mill-perit gudizzjarji fir-relazzjoni taghhom.

Hemm ukoll ix-xiehda ta` Dr Stephen West li l-Qorti tigbor fi bran mid-deposizzjoni tieghu fis-seduta tat-22 ta` Jannar 2003 –

*... mentalment kienet fi stat li tirraguna. L-idea li hadt mill-ezami li ghamilt kienet li din hi bniedma normali.*

Fuq kollox hemm imbaghad id-deposizzjoni tan-Nutar Clyde La Rosa li, indipendentement minn kull fehma medika espressa fil-kawza tal-lum, il-Qorti sejra taghtiha piz. Kien in-Nutar La Rosa li rcieva *le ultime volonta`* ta` Pauline Schembri dakinhar tal-24 ta` Mejju 1989. Fid-deposizzjoni tieghu waqt is-seduta tas-17 ta` Settembru 2002, Dr La Rosa kien kategoriku –

*B`mod generali, nghid illi minkejja c-certifikat tat-tabib li gie pprezentat lili, jiena f`kull okkazjoni ta` testment naghmel ukoll l-assessment tieghi. Ic-certifikat huwa konfort addizzjonali. Bic-certifikat mediku b`kollox, f` cirkostanzi ohra – meta l-assessment tieghi personali kien differenti minn dak tac-certifikat mediku – jiena t-testment ma naghmlux.*

Fix-xiehda tieghu, Dr La Rosa accerta lil Qorti li dak il-hin li ghamlet it-testment taghha, Pauline Schembri kienet taf x`hini taghmel.

Il-Qorti tirriskontra konflitt fil-provi.

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tal-24 ta` Novembru 1966 fil-kawza `**Farrugia vs Farrugia**` kien spjegat kif ghandu jitqies il-konflitt ta` l-provi –

*Il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikun lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc ta` probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. Jigi osservat ukoll li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f`kaz ta` zewg*

*versjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi tal-principju li 'onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat'. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero` il-grad ta` prova rikjest fil-kamp civili, b` differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f`mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f`kawzi civili hija effett tal-bilanc tal probabilitajiet. Mera possibilita` mhux sufficjenti biex tirradika r-reponsabilita` civili."*

Billi l-kawza tal-lum tittratta l-qaghda ta` sahha mentali ta` Pauline Schembri fil-prossimita` tad-data tal-ahhar testment taghha, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-preponderanza tal-provi ma taghtix ragun lill-atturi. Dan mhux biss minhabba l-prova medika kostitwita mid-deposizzjoni ta` Dr George Debono, izda u fuq kollox, minhabba x-xiehda ta` Dr Clyde La Rosa li, bhala ufficjal pubbliku, kellu jassikura ruhu li kollox ikun *in regola* qabel jircievi t-testment ta` Pauline Schembri. Bid-deposizzjoni tieghu, Dr La Rosa wassal *ukoll* lill-Qorti biex taccetta li dakinhar u dak il-hin tat-testment de quo kollox sar skond il-ligi u li dak li nghad minn Pauline Schembri kienu tassew *le sue ultime volonta`*. Fid-deposizzjoni tieghu, Dr La Rosa kien cert minn dak li kien qed jistqarr. Din il-Qorti b`ebda mod ma hadet l-impressjoni li n-nutar seta` ghaggel izzejjed. Jidher car li t-testment sar ghaliex kien evidenti lin-nutar li dak il-hin it-testatrici kienet f`qaghda li taghmel it-testment taghha kif riedet taghmlu.

Wara li qieset b`reqqa l-assjem tal-provi [inkluza r-relazzjoni tal-periti gudizzjarji] il-Qorti hija tal-fehma li l-konkluzjonijiet tal-periti gudizzjarji jirrapprezentaw apprezzament korrett tal-fatti tal-kaz u tad-dritt applikabbli. Ghalhekk qeghda taghmel taghha dawk il-konkluzjonijiet. U zzid tghid illi minn evalwazzjoni tal-kumpless tal-provi, il-Qorti hija tal-fehma illi l-atturi ma ressqux provi konklussivi illi meta sar it-testment de quo, Pauline

Schembri ma kellhiex il-kapacita` mentali li taghmel dak it-testment. Fuq l-atturi kien jinkombi l-oneru tal-prova sal-grad rikjest mil-ligi illi jirribattu l-prezunzjoni *juris tantum* favur il-kapacita`. Il-provi tal-atturi fil-kumpless taghhom huma nkonklussivi ghaliex ma jwasslux ghal fatti precizi u univoci, jew indizji gravi, determinanti u ppruvati li meta t-testatrici ghamlet it-testment kienet tassew qeghda tbati minn instabilita` mentali li tirrendiha nkapaci.

**Fl-isfond tal-premess, din il-Qorti tikkonkludi illi meta sar it-testment de quo <u>ma kienx ippruvat</u> mill-atturi, sal-grad rikjest mil-ligi, illi Pauline Schembri ma kellhiex il-kapacita' rikjesta mil-ligi biex taghmel dak it-testment.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi qeghda tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut, qeghda tichad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------